*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,713, 5 ta' Frar, 1993*

*Taqsima C*

# Nru. 49

5. 2. 93

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Eddie Fenech Adami, M.P., Prim Ministru, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-11 ta' Jannar, 1993.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, Kap. 258.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Eddie Fenech Adami, M.P., Prime Minister, and read the First time at the Sitting of the 11th January, 1993.

**AN ACT to amend the Identity Card Act, Cap. 258.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, Kap. 258.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1993 li jemenda l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, (Kap. 258) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 258

**2.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "'il fuq minn sittax-il sena" għandhom jidħlu l-kliem "'il fuq minn erbatax-il sena jew dik l-età li tista' tiġi preskritta". Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "bit-timbru ta' dak l-uffiċjal." għandhom jidħlu l-kliem "bit-timbru ta' dak l-uffiċjal jew ikun awtentikat b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "d-data li fiha ma tibqax tiswa iżjed" għandhom jidħlu l-kliem "d-data li fiha għandha tibqa' tiswa u dik li fiha ma tibqax tiswa iżjed", minflok il-kliem "firma tad-detentur" għandhom jidħlu l-kliem "firma tad-detentur jew riproduzzjoni ta' firma riċenti tad-detentur", u l-paragrafi (f), (ġ), (ħ) u (i) għandhom jitħassru; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol is-subartikolu li ġej:

"(3) Karta ta' l-identità tintgħamel minn dak il-materjal u b'dak il-mod li fil-fehma ta' l-uffiċjal awtorizzat jipprovdu ħarsien biżżejjed kontra l-falsifikazzjoni, tbagħbis jew bdil tagħha, u għandha, f'kull każ, tinkludi spazju limitat li fih jista' jiddaħħal tagħrif kodifikat li ma jinftehimx u li jinqara permezz ta' makna:

Iżda ebda tagħrif li mhux inkluż taħt is-subartikolu (2) ma jista' jiġi hekk inkluż.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "għal ħames snin biss" għandhom jidħlu l-kliem "għal għaxar snin jew dak il-perijodu li jista' jiġi preskritt."; u

(b) minnufih wara l-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda wkoll kull fejn karta ta' l-identità tkun maħruġa dwar persuna taħt l-età ta' tmintax-il sena dik il-karta ta' l-identità ma tibqax valida malli d-detentur tagħha jagħlaq it-tmintax-il sena.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa prinċipalment li jbaxxi l-età għall-ħruġ ta' karta ta' l-identità minn sittax-il sena għal erbatax-il sena, biex karta ta' l-identità tibqa' valida għal għaxar snin u sabiex jipprovdi għal sistema ġdida ta' enumerazzjoni kodifikata li tiġi riprodotta fuq id-dokument li jkun iktar imħares kontra l-falsifikazzjoni u t-tbagħbis.

# A BILL

## entitled

*AN ACT to amend the Identity Card Act, Cap. 258.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Identity Card (Amendment) Act, 1993, and shall be read and construed as one with the Identity Card Act, (Cap. 258) hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 258

**2.** In subsection (1) of section 3 of the principal Act, for the words "every person over the age of sixteen years" there shall be substituted the words "every person over the age of fourteen years or such age as may be prescribed". Amendment of section 3 of the principal Act.

**3.** Section 5 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of section 5 of the principal Act.

(a) in subsection (1) thereof, for the words "with the stamp of such officer." there shall be substituted the words "with the stamp of such officer or shall be otherwise authenticated as may be prescribed.";

(b) in subsection (2) thereof, for the words "the date on which its validity expires" there shall be substituted the words "the dates on which its validity commences and expires", for the words "contain the signature of the holder" there shall be substituted the words "contain the signature of the holder or a reproduction of a recent signature of the holder", and paragraphs (f), (g), (h) and (i) thereof shall be deleted; and

(c) immediately after subsection (2) thereof, there shall be added the following subsection:

"(3) An identity card shall be made of such material and in such manner as in the opinion of the authorised officer provide adequate security against forgery, tampering or alteration thereof, and it shall, in any case, include a limited area where machine readable encrypted coded information may be inserted:

Provided that no information which is not included under subsection (2) hereof may be so included.".

Amendment of section 6 of the principal Act.

**4.** Section 6 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in subsection (1) thereof, for the words "a period of five years only" there shall be substituted the words "a period of ten years or such other period as may be prescribed."; and

(b) immediately after the proviso to subsection (1) thereof, there shall be added the following:

"Provided further that where an identity card has been issued in respect of a person under the age of eighteen years such identity card shall cease to be valid upon the eighteenth birthday of the holder thereof.".

---

## Objects and Reasons

The Object of the Bill is mainly to lower the age for the issuing of an identity card from sixteen to fourteen, to extend the validity of identity cards from five to ten years and to provide for a new system of coded numbering to be reproduced on the document which will be more secure against forgery or tampering.